**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru 70/2020**

**Joseph Bruno**

**Vs**

**Ministeru Ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Joseph Bruno** ipprezentat fl-4 ta' Settembru 2020 li permezz tieghu ppremetta is-segwenti:-

*"**A. Dikjarazzjoni cara u korretta tas-suggett u r-raguni ghat-talba***

*Illi l-esponenti kien ilu oltre minn ghoxrin sena jghix l-Ingileterra;*
*Illi minhabba ragunijiet ta' sahha u billi li l-esponenti huwa persuna avvanzata fl-eta, ossia persuna ta' tnejn u sebghin sena (72) huwa kien iddecieda li jirritorna lura Malta u kien nizel bil-vettura tieghu lejn Malta, fejn wasal Malta fit-12 ta' Dicembru tas-sena 2019;*
*Illi minhabba l-eta avvanzata tieghu, u minhabba li kien ghamel sieghat twal ta' sewqan mill-Ingilterra lejn Malta bil-vettura tieghu, huwa zviluppa ugiegh kroniku f'dahru, fejn mal-wasla tieghu f'Malta kien kostrett li jibqa gewwa daru fis-sodda;*
*Illi sussegwentement huwa kien kostrett li jibqa f'daru minhabba s-sitwazzjoni relatata mal-pandemija tal-Covid19 u billi li kien persuna meqjusa bhala vulnerabbli minhabba l-eta tieghu u kwindi ma ghamilx l-applikazzjoni tieghi rigwardnati l-ezenzjoni mit-taxxa fil-hin;*
*Illi appenna li seta johrog, l-esponenti intavola l-applikazzjoni tieghu sabiex jinghata, mill-Ministeru konvenut, ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura tieghu Vauxhall Adam b'numru ta' registrazzjoni LL65ULH;*
*Illi b'decizjoni mghotija fl-24 ta' Awwissu 2020 din l-applikazzjoni giet michuda mill-Ministeru tal-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji (kopja tad-decizjoni hawn*

*annessa bhala Dok. A) ghar-raguni li l-applikazzjoni ma saritx entro l-perjodu necessarju, hekk kif ahjar spjegat fuq l-istess ittra;*

*Illi l-esponenti hass ruhhu aggravat b'din id-decizjoni w ghalhekk qieghed jinterponi dan l-umli appell tieghu mid-decizjoni tal-24 ta' Awwissu 2020 quddiem dan it-Tribunal entro t-termini stabbilit mill-ligi;*

***B. Esposizzjoni cara u dettaljata tal-fatti tal-kaz***

*Illi l-esponenti ressaq l-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura tieghu Vauxhall Adam b'numru ta' registrazzjoni LL65ULH;*
*Illi b'decizjoni mghotija fl-24 ta' Awwissu 2020 din l-applikazzjoni giet michuda mill-Ministeru tal-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji (kopja tad-decizjoni hawn annessa bhala Dok. A) ghar-raguni li l-applikazzjoni ma saritx entro l-perjodu necessarju, hekk kif ahjar spjegat fuq l-istess ittra;*

***C. L-Aggravju***

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti mill-fatt li l-Ministeru appellat ghamel evalwazzjoni hazina tal-fatti billi li naqas li jqis is-sottomissjonijiet kollha li ghamel l-appellanti fl-applikazzjoni tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura tieghu;*

*Illi in oltre l-Ministeru appellat naqas ukoll li jikkonsidra li s-sitwazzjoni globali li kien hawn fiz-zmien meta l-applikant kellu jintavola l-applikazzjoni tieghu;*

*Illi izjed minn hekk u fi kwalsiasi kaz l-appellanti kellu l-kriterji kollha necessarji sabiex tintlaqa l-applikazzjoni tieghi w ghalhekk b'kull dovut rispett gia la darba li kellu l-kriterji kollha neccessarji li jikwalifikah ghall-ezenzjoni rikjesta, allura l-appellanti kien u ghadu elegibbli u skond l-appellanti l-fatt li ghadda certa zmien (jekk wiehed ma jikkonsidrax dak kollu li gara lill-appellanti u s-sitwazzjoni globali), iz-zmien biss m'ghandux jiskwalifikah milli jkun elegibbli ghall-ezenzjoni, gia la darba li minn dejjem kien elegibbli, ghaliex jekk kellu l-kriterji kollha necessarji dawn kienu u ghadhom ezistenti;*

*Illi in oltre l-applikazzjoni stess kienet tistipola li kwalsiasi ezenzjoni kellha tinghata mhux qabel xharejn minn meta l-applikant ikun meqjus bhala residenti normali f'Malta u mhux aktar tard minn sena minn wara din id-data w ghalhekk jekk wiehed kellu jimxi ma dan il-kriterju u ma jikkonsidrax xejn izjed, allura l-applikazzjoni tal-appellanti kienet ghada fiz-zmien li tintlaqa;*

*Illi izjed minn hekk id-data li fiha wiehed jista jigi meqjus bhala li beda jirrisjedi f'Malta bhala resident hija wahda ghal kollox suggettiva u dipendenti biss fuq l-intenzjoni tal-appellanti;*

***D. Ir-rimedju li jkun qieghed jintalab, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju Appellat***

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn esposti u ghal dawk ir-raginijiet l-ohra illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponenti, filwaqt li jaghmel*

*referenza ghall-atti kollha prezentati lill-Ministeru appellat u ghall-provi mresqa, filwaqt li jirriserva li jressaq kull prova ohra permessi mill-ligi, jitlob bir-rispett ghar-ragunijiet premessi li dana l-Onorabbli Tribunal jilqa' l-appell tieghu, jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Ministeru appellat datata 24 ta' Awwissu 2020 u minflok jilqa u jghati l-ezenzjoni mitluba."*

Ra illi l-**Ministeru ghall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji** pprezenta r-risposta tieghu fid-9 ta' Ottubru 2020 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"*

1. *Illi qabel xejn, il-kunjom tal-appellant fl-okkju ġie miktub ħażin għaliex minflok 'Bruno' tniżżel 'Bruna'. Jixraq għalhekk li l-appellant jitlob li jsiru t-tiswijiet meħtieġa skont l-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Permezz tar-rikors tal-appell ppreżentat nhar il-4 ta' Settembru 2020, l-appellant qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa ta' Reġistrazzjoni (minn hawn il-quddiem imsejjaħ bħala l-'Bord') ippubblikata nhar il-24 ta' Awwissu 2020, li permezz tagħha ġiet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrent għall-eżenzjoni tal-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni rigward il-vettura tat-tip 'Opel Adam Rocks' bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni tar-Renju Unit bin-numru 'LL65ULH';*

3. *Illi mingħajr l-ebda nuqqas ta' rispett lejn l-appellant, fil-fehma tal-esponenti l-aggravji tal-appellant huma infondanti kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan għar-raġunijiet li ser jiġu mogħtija f'din l-umli risposta kif ukoll minn dak li ser jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-appell;*

***Fatti***

4. *Minn kif dikjarat fir-rikors tal-appell, l-appellant niżel Malta permezz tal-vettura tiegħu tat-tip 'Opel Adam Rocks' bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni tar-Renju Unit nhar it-**12 ta' Diċembru 2019** u dan bl-intenzjoni li jittrasferixxi u jistabbilixxi r-residenza permanenti tiegħu f'Malta;*

5. *Illi minn kif jidher minn '**Dokument MF1'**, li hija kopja tal-'acknowledgement letter' rilaxxata lill-appellant mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-appellant ippreżenta l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni rigward il-vettura in mertu nhar il-**24 ta' Lulju 2020**;*

6. *Minn kif jirriżulta minn paġna 2 tal-applikazzjoni li ġiet ippreżentata mill-appellant u li kopja tagħha tinsab tiġi hawn mehmuża u mmarkata bħala '**Dokument MF2'**, fl-applikazzjoni in mertu l-appellant iddikjara li huwa trasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta nhar it-**12 ta' Diċembru 2019**. Inoltre fl-istess applikazzjoni l-appellant iddikjara li huwa daħħal l-vettura tiegħu f'Malta nhar it-**12 ta' Diċembru 2019**;*

7. *Illi l-ewwel każijiet ta' COVID-19 f'Malta ġew reġistrati nhar is-**7 ta' Marzu 2020**, u dan minn kif jidher minn '**Dokument MF3'.** Illi għalhekk kien hemm trapass ta' kważi* **<u>tlett xhur</u>** *mid-data li fiha l-appellant wasal Malta u d-data li fiha ġie reġistrat l-ewwel każ ta' COVID-19 f'Malta;*

8. *Flimkien mal-applikazzjoni tiegħu, l-appellant ippreżenta diversi dokumenti in sostenn tal-applikazzjoni u fosthom kien hemm kopja tal-karta tal-identità Maltija tal-appellant. Minn din il-kopja jirriżulta li tali karta tal-identità ġiet maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti nhar it-**12 ta' Frar 2020.** (ara Dok MF2);*

9. *Il-Bord wara li eżamina l-applikazzjoni tal-appellant (Dokument MF2) iddeċieda li t-talba tal-appellant ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta ma setgħetx tiġi milqugħa u dan għaliex l-applikazzjoni għall-eżenzjoni ma saritx fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha l-appellant importa l-vettura u trasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta. Konsegwentement u permezz ta' ittra datata **24 ta' Awwissu 2020** l-appellant ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda u dan għar-raġuni li ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti taħt regolamenti 4(3)(f) u 4(3)(e) tal-L.S. 368.01;*

10. *Stabbiliti dawn il-fatti, l-esponenti sejjer issa jgħaddi biex jittratta l-aggravji tal-appellant fl-istess ordni li ġew imressqa mill-appellant f' Taqsima Ċ tar-rikors tal-appell;*

***L-Aggravji***

11. *Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** l-appellant jilmenta li l-appellat "għamel evalwazzjoni ħażina tal-fatti billi naqas li jqis is-sottomissjonijiet kollha li għamel l-appellanti fl-applikazzjoni tiegħu għall-eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tiegħu";*

12. *Minkejja li l-appellant naqas milli jagħti xi ħjiel dwar x'kienu s-sottomissjonijiet li qed jirreferi għalihom fl-ewwel aggravju, l-esponenti jifhmu illi dak li qed jirreferi għalih l-appellant huwa l-affidavit li ġie ppreżentat flimkien mad-dokumentazzjoni in sostenn mal-applikazzjoni tiegħu (ara Dok MF2). F'dan l-affidavit l-appellant jiddikjara illi huwa daħal f'Malta nhar it-12 ta' Diċembru 2019 flimkien mal-vettura tiegħu tat-tip 'Opel Adam Rocks'. L-esponenti ddikjara wkoll li huwa kien għamel xi perjodu mmobbli minħabba wġiegħ kroniku f'dahru u li wara ma setax joħroġ mid-dar minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija COVID-19 f'Malta u dan għaliex huwa persuna meqjusa bħala vulnerabbli minħabba l-età avvanzata u l-kundizzjonijiet kroniċi li jbati minnhom;*

13. *Filwaqt illi l-esponenti jissimpatizzaw mas-sitwazzjoni ta' saħħa tal-appellant, jibqa' l-fatt li bħala proċedura ma huwiex meħtieġ li l-applikazzjoni għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni tiġi fiżikament sottomessa mill-applikant. Illi għalhekk l-appellant kellu kull opportunitá li jibgħat lil xi ħadd ieħor sabiex jippreżenta l-applikazzjoni flimkien mad-dokumentazzjoni minfloku, u dan dejjem biex ikun qiegħed josserva t-termini imposti taħt regolament 4 tal-L.S. 368.01. Illi għalhekk l-appellant ma kienx impedut milli xorta waħda japplika għall-eżenzjoni entro t-terminu stabbilit minn regolament 4(3)(e) tar-'Regoli Dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi Bil-Mutur' (L.S. 368.01) u ċioe fi żmien 30 ġurnata mid-data li fiha trasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta.*

14. *Mhux hekk biss, iżda minn kif diġà saret referenza għaliha f'paragrafu 7 ta' din ir-risposta, mill-kopja tal-karta tal-identità Maltija li l-appellant ppreżenta*

*flimkien mad-dokumentazzjoni in sostenn tal-applikazzjoni tiegħu (Dok MF2), jidher illi l-karta tal-identità tal-appellant ġiet rilaxxata mill-Aġenzija Identità Malta nhar it-12 ta' Frar 2020. L-esponenti ma jistgħux jifhmu kif l-appellant seta' japplika għad-dokument tal-karta tal-identità filwaqt li fl-istess ħin jallega li kien impedut milli japplika għall-eżenzjoni;*

15. *Illi f'kull każ, indipendentement minn kwalunkwe sottomissjoni ġenwina kemm hi ġenwina, ir-'Regoli Dwar l-Eżenzjoni mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi Bil-Mutur' (L.S. 368.01)* ***ma jagħtu l-ebda setgħa diskrezzjonali*** *lill-Bord sabiex jeżenta lil xi applikant minn xi rekwiżit tassattiv stabbilit taħt regolament 4(3). Illi għalhekk il-Bord huwa marbut li jagħti eżenzjoni* ***biss*** *meta jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tassattivi stabbiliti taħt regolament 4(3) tal-istess leġislazzjoni. Altrimenti l-Bord ikun qiegħed jaġixxi* ***ultra vires;***

16. *Illi għalhekk l-ewwel aggravju jimmerita li jiġi miċħud;*

17. *Fit-**tieni aggravju** l-appellant jilmenta illi l-appellanti naqsu wkoll milli jikkunsidraw is-sitwazzjoni globali li kien hawn f'Malta fiż-żminijiet meta l-applikant kellu jintavola l-applikazzjoni tiegħu;*

18. *Bir-rispett, tali aggravju huwa totalment infondat u dan għaliex minn kif jidher minn '**Dokument MF3'** li huwa estratt minn artikolu ppublikat fuq sit ta' gazzetta lokali, l-ewwel każijiet ta' COVID-19 f'Malta ġew reġistrati nhar is-7* ***ta' Marzu 2020*** *u għalhekk sew* ***wara*** *t-terminu li appellant kellu jintavola l-applikazzjoni tiegħu;*

19. *Mhux hekk biss, iżda minn kif jidher minn '**Dokument MF1'** l-appellant issottometta l-applikazzjoni tiegħu nhar il-**24 ta' Lulju 2020** u ċioe fiż-żmien meta fil-fatt it-tixrid tal-virus COVID-19 f'Malta kien beda jerġa' jerfa' rasu;*

20. *Illi għalhekk it-tieni aggravju wkoll jimmerita li jiġi respint;*

21. *Fit-**tielet aggravju** l-appellant jilmenta li f'kull każ huwa kien jissodisfa l-kriterji kollha neċessarji sabiex tintlaqa' l-applikazzjoni tiegħu u li t-terminu li tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma kellux jiskwalifikah milli jkun eliġibbli għall-eżenzjoni;*

22. *Illi bir-rispett tali lment huwa wkoll legalment infondat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan għaliex jekk wieħed ikollu jagħmel referenza lejn paragrafi (e) u (f) ta' regolament 4(3) tal-L.S. 368.01 jirriżulta kif it-terminu ta' 30 ġurnata minn meta trid tiġi intavolata l-applikazzjoni mhux biss huwa wieħed perentorju iżda huwa parti essenzjali mir-rekwiżiti tassattivi sabiex il-vettura tal-applikant tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjoni taħt l-artikolu 19(3)(f) tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta;*

23. *L-estent ta' kemm il-kriterji stabbiliti taħt regolament 4(3) huma tassattativi, (inkluż dawk ta' 4(3)(e) u 4(3)(f)), ikompli joħroġ biċ-ċar minn regolament 4(4) tal-L.S. 368.01 li jipprovdi hekk: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1)* ***m' għandiex***

***tingħata*** *meta – **(a)** **<u>il-vettura u jew l-applikant ma jkununx jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3);</u>”** (enfasi miżjuda);*

24. *Peress li fid-data li fiha l-appellant ittrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta l-vettura mertu tal-applikazzjoni in kwistjoni kienet waslet Malta, jirriżulta li l-appellant kien marbut mat-terminu ta' 30 ġurnata stabbilit f' paragrafu (e) ta' Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01. Fil-mument li dan it-terminu ta' 30 ġurnata skada, l-appellant u l-vettura tiegħu ma baqgħux legalment eliġibbli għall-eżenzjoni u dan għaliex ma baqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti **<u>tassattivi u kumulattivi</u>** taħt regolament 4(3). Illi għalhekk huwa żbaljat l-appellant meta jargumenta li ż-żmien biss ma għandux jiskwalifikah milli jkun eliġibbli għall-eżenzjoni u li f'kull każ l-appellant 'kellu l-kriterji kollha neċessarji sabiex tintlaqa' l-applikazzjoni'. Konsegwentement it-tielet aggravju għandu wkoll jiġi respint;*

25. *Fir-**<u>raba' aggravju</u>** l-appellant jilmenta illi l-applikazzjoni stess kienet tistipola li kwalsiasi eżenzjoni kellha tingħata mhux qabel xahrejn minn meta l-applikant ikun meqjus bħala residenti normali f' Malta u mhux aktar tard minn sena minn wara d-data tat-trasferiment tar-residenza. L-appellanti jargumenta wkoll li "wieħed kellu jimxi ma dan il-kriterju u ma jikkonsidra xejn iżjed, allura l-applikazzjoni tal-appellanti kienet għada fiż-żmien li tintlaqa'";*

26. *Illi mingħajr l-ebda nuqqas ta' rispett lejn l-appellant, f'dan l-aggravju l-appellant huwa wkoll żbaljat kemm fuq bażi legali kif ukoll fuq kwistjoni ta' fatti;*

27. *Minn aspett ta' fatti, jekk wieħed ikollu jagħmel referenza lejn l-applikazzjoni li ġiet sottometta mill-appellant jidher illi tali applikazzjoni kienet 'Verżjoni 6 ta' Formula VEH 007', kif aġġornata nhar is-7 ta' Novembru 2019. Jekk wieħed ikollu jagħmel referenza lejn l-ewwel paġna ta' din l-applikazzjoni li kopja tagħha qegħda tiġi mehmuża u mmarkata bħala '**Dokument MF2'** jidher illi filwaqt li huwa minnu li hemm miktub li "A vehicle is to be declared for exemption not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date", **fil-paragrafu ta' wara hemm miktub hekk**: "<u>In addition to the above, where a vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring the residence within 30 days from date on which that person had transferred his residence to Malta".</u>*

28. *Minn aspett legali, l-esponenti ma jistax jifhem l-argument legali tal-appellant u ċioe dak li l-Bord kellu jimxi mal-kriterju tat-tnax il-xahar "u xejn iżjed". Tali argument huwa bir-rispett żbaljat u dan għaliex kemm mill-kontenut ta' regolament 4(3) tal-L.S. 368.01, kif ukoll fl-istruzzjonijiet ta' paġna 1 ta' Formula VEH007, jidher biċ-ċar kif ir-rekwiżit ta' tnax il-xahar huwa biss wieħed mill-elementi kumulattivi li applikant jeħtieġ li jissodisfa;*

29. *Illi għalhekk ir-raba' aggravju għandu wkoll jiġi miċħud;*

30. *Fil-**<u>ħames aggravju</u>** l-appellant imbagħad jilmenta illi d-data li fiha wieħed jista' jiġi meqjus li beda jirrisjedi f'Malta bħala resident hija waħda għal kollox suġġettiva u dipendenti biss fuq l-intenzjoni tal-appellanti;*

31. *Fl-umli fehma tal-esponenti dan l-aħħar ilment huwa wkoll wieħed inġustifikat u dan għaliex fl-ewwel paragrafu tar-rikors tal-appell jidher biċ-ċar kif l-appellant daħal lura Malta bl-intenzjoni li jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu mir-Renju Unit;*

32. *Illi aktar minn hekk, fl-applikazzjoni tiegħu l-appellant liberament iddikjara illi huwa ttrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta fit-12 ta' Diċembru 2019 u għalhekk il-Bord mexa ma din id-data dikjarata mill-appellant. Li kieku l-appellant kellu xi dubju fuq id-dettalji li kellu jnizzel fuq il-formula, l-appellant seta' liberament jirrikorri għall-parir legali qabel ma ssottometta l-applikazzjoni tiegħu. Fil-fatt fl-ewwel paġna tal-applikazzjoni VEH007, hemm rakkomandazzjoni ċara kif applikanti għandhom jirrikorru għal parir legali jekk ikunu f'xi dubju;*

33. *Illi għalhekk dan l-aħħar aggravju jimmerita wkoll li jiġi respint;*

34. *Finalment u b'referenza għar-rimedju mitlub mill-appellant f'Taqsima D tar-rikors tal-appell fejn dan l-Onorabbli Tribunal qed jintalab "jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Ministeru appellat datata 24 ta' Awwissu 2020 u <u>minflok jagħti l-eżenzjoni mitluba</u>", jiġi osservat illi f'kull każ anke jekk għall-grazzja tal-argument dan l-Onorabbli Tribunal kellu jilqa' l-aggravji tal-appellanti, xorta waħda jibqa' l-fatt li kwalunkwe talba lil dan it-Tribunal sabiex jagħti l-eżenzjoni mitluba hija waħda impropponibbli u dan għaliex m'huwiex il-kompitu ta' dan it-Tribunal li jagħti tali eżenzjoni;*

*Għaldaqstant, l-esponenti filwaqt illi jżommu sħiħ id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri kif permess mil-liġi jgħaddu sabiex jitolbu lil din l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talba kif dedotta fir-rikors tal-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellant."*

Ra illi permezz ta' digriet datat 10 ta' Novembru 2020 it-Tribunal awtorizza korrezzjoni fil-kunjom tal-intimat biex minn "Bruna" jigi jaqra "Bruno";

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-rikorrenti qieghed jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi hdan il-Ministeru intimat datata 24 ta' Awwissu 2020 permezz ta' liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (e) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta" and under article 4 (3) (f) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has not yet arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the arrival of the vehicle in Malta."*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-28 ta' Lulju 2020 ir-rikorrenti issottometta applikazzjoni mal-Ministeru intimat sabiex jigi ezentat milli jhallas it-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura tal-marka Vauxhall Adam Rocks li huwa kien nizel biha mill-Ingilterra sabiex jistabilixxi r-residenza tieghu hawn Malta. Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent wasal Malta bil-vettura in kwistjoni f'Malta f'Dicembru 2019 fejn huwa mar jghix fi flat ta' zitu li kienet f'dar tal-anzjani. Fl-affidavi tieghu ir-rikorrent jghid li kellu daharu jugghu peress li kien ghamel jiem isuq u jorqod fil-vettura. Jispjega li mbaghad meta hassu ahjar kienet bdiet il-pandemija u ma setax johrog mid-dar peress li kien persuna vulnerabbli. Jghid li meta seta' johrog mid-dar beda l-process biex jirregistra l-vettura u meta hadha ghal spezzjoni ghand Transport Malta staqsewh kienx applika ghal "change of residence" u hu qalilhom li le ghax ma kienx jaf bil-procedura. In kontro-ezami r-rikorrent jghid li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ma kienx jaf biha.

Mix-xhieda ta' Joseph Rivans, *Manager* fi hdan Identity Malta, jirrizulta l-Agenzija kienet harget Karta ta' l-Identita` lirr-rikorrent fit-12 ta' Frar 2020.

Michael Zammit Munro, *Chairman* tal-Bord, spjega illi biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni m'hemmx htiega li jmur fizikament fl-ufficini ta' Transport Malta izda jista' jibghatha b'posta registrata jew jibghat lil xi hadd biha.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) (e) u (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 (Regoli Dwar Ezenzjoni Mit-Taxxa Tar-Registrazzjoni Ta' Vetturi Bil-Mutur):-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(e) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha lejn Malta u l-vettura tkun digà waslet Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fi zmien***

***tletin gurnata mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza taghha f'Malta.***

***(f) meta l-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha lejnMalta u l-vettura tkun għadha ma waslitx Malta, l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għandha ssir fi żmien tletin ġurnata minn meta l-vettura tasal Malta"***

Illi mill-fatti li rrizultaw fil-mori jirrizulta illi l-vettura u r-rikorrent waslu Malta fit-12 ta' Dicembru 2019 f'liema data r-rikorrent iddikjara li ha r-residenza tieghu f'Malta. Kwindi malli wasal hawn Malta, waslet il-vettura u wkoll ha r-residenza tieghu skatta dak li jistipula Regolament 4 (3) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01, u cioe` illi kellu japplika ghall-ezenzjoni fi zmien tletin gurnata mid-data tat-trasferiment tar-residenza.

Illi r-rikorrent jghid illi minhabba kundizzjoni medika, u sussegwentement minhabba l-pandemija tal-Covid 19 huwa ma setax jissottometti l-applikazzjoni tieghu. Madanakollu din il-verzjoni ma hi xejn kredibbli. Filwaqt li dan it-Tribunal jemmen li jista' jkun li r-rikorrent kien effett minn kundizzjoni medika malli wasal hawn Malta, madanakollu kif xehed hu stess fil-kontro-ezami tieghu, huwa ma kienx jaf li kellu japplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Kwindi il-kundizzjoni medika u l-pandemija ma ticcentra xejn fil-kwistjoni ghala issottometta l-applikazzjoni tieghu wara diversi xhur li stabilixxa r-residenza tieghu hawn Malta.

Illi dan kollu huwa korroborat mill-fatt illi xhur qabel issottometta l-applikazzjoni, pero` xorta oltre t-terminu preskritt mil-ligi ai fini tal-applikazzjoni in kwistjoni, huwa mar japplika ghall-Karta ta' l-Identita. Kwindi l-verita` hi li r-rikorrent ma kienx jaf li kellu japplika ghall-ezenzjoni u kien biss meta ngibditlu l-attenzjoni minn ufficjal ta' Transport Malta li ssottometta l-applikazzjoni, f'liema zmien it-terminu stabbilit ta' tletin gurnata kien lahaq ghadda sew.

Illi fir-rikors promutur tieghu r-rikorrent jishaq illi anke jekk kien ghadda t-terminu ta' tletin gurnata, huwa xorta kien jissodisfa r-rekwiziti kollha stante li fl-istess applikazzjoni hemm imnizzel li "*kwalsiasi ezenzjoni kellha tinghata mhux qabel xaharejn minn meta l-applikant ikun meqjus bhala residenti normali f'Malta u mhux aktar tard minn sena wara din id-data"*. Illi t-test tal-applikazzjoni jghid is-segwenti "*A vehicle is to be declared for exemptiion not earlier than two months before the date on which applicant becomes normally resident in Malta and not later than twelve months following that date.*

*In addition to the above, where a vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring his residence within* ***30 days*** *from the arrival of the vehicle in Malta."*

Dan ifisser illi persuna li tkun behsiebha tistabilixxi ruhha Malta tista' tapplika ghall-ezenzjoni xaharejn qabel ma tistabilixxi ruhha pero` mhux iktr tard minn

tnax-il xahar wara. Dan ifisser illi jekk persuna li tistabilixxi ruhha hawn Malta tigi minghajr vettura hija ghandha cans sena sabiex iggib il-vettura taghha hawn Malta u tapplika ghall-ezenzjoni. Pero` f'kaz li l-vettura tigi mal-persuna, u l-persuna tiddikjra li stabilixxiet ir-residenza taghha hawn Malta mal-wasla taghha f'Malta, bhal ma gara fil-kaz odjern, allura japplika t-terminu ta' 30 gurnata entro liema trid issir l-applikazzjoni.

Illi filwaqt li t-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrent jekk huwa ghadda minn mumenti medici difficli, ma jirrizultax illi dawn kienu r-raguni ghala ma ssottomettiex l-applikazzjoni tieghu. Fil-fehma tat-Tribunal, dan ma ghamlux peress li ma kienx konxju li seta' japplika ghall-ezenzjoni. Dan naturalment sehh ghaliex ma rricerkax x'seta' jsir qabel huwa telaq mill-Ingilterra. Dwar dan certament m'ghandu l-ebda tort l-intimat.

Illi, pero`, fl-ahharnett it-Tribunal josserva li l-Bord cahad l-applikazzjoni wkoll abbazi tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan is-sub-regolament ma japplikax ghall-kaz odjern siccome` l-vettura waslet Malta mar-rikorrent, u kwindi mhux il-kaz, kif stipulat fl-istess sub-regolament illi l-applikant kien ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta u l-vettura kienet ghadha ma waslitx.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jikkonferma d-decizjoni tal-Bord ghal dak li ghandu x'jaqsam ir-rifjut abbazi tar-Regolament 4 (3) (e) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 se jkun qieghed jirrevokaha fir-rigward tar-rifjut abbazi tar-Regolament 4 (3) (f) tal-istess Legislazzjoni.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi, billi filwaqt li jirrevoka dik il-parti tad-decizjoni fejn cahdet l-applikazzjoni abbazi tar-Regolament 4 (3) (f) tal-Legislazzjoni Sussidjrja 368.01, jichad l-appell fit-termini hawn fuq enuncjati u konsegwentement jilqa' r-risposta tal-Ministeru intimat.

In vista li qieghda tigi revokata parti mid-decizjoni, l-ispejjez jinqasmu in kwantu ghal terz ghall-Ministeru intimat u zewg terzi ghar-rikorrent.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**